22003D0056

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 56/2003

tas-16 ta' Mejju 2003

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Annex XX għall-Ftehim kien emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 16/2003 tal-31 ta' Jannar 2003 ([1]).

(2) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/525/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vetturi li m'għadhomx jitħaddmu ([2]) għandha tkun inkluża fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jkun miżjud fil-punt 32db (Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' l-Anness XX għall-Ftehim:

", kif emendata bid:

– **32002 D 0525**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/525/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 170, tad-29.6.2002, p. 81)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2002/525/KE fil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li ser ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 94, ta' l-10.4.2003, p. 73.
([2]) ĠU L 170, tad-29.6.2002, p. 81.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2003, bil-kondizzjoni li jiġu magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblika fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Mejju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda kondizzjoni kostituzzjonali mhi indikata.